MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1682/2003

**Falcon Tours Limited**

**Vs**

**Mariella sive Ella Geres f'isimha propju u f'isem is-socjeta' Geres Health and Fitness Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob li l-konvenuta proprio et nomine thallas is-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50c) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' reklamar fuq rivista "Connections" ippubblikata mis-socjeta' attrici u liema servizz ta' reklamar inghata mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenuta permezz ta' *booking order* tat-2 ta' Frar 2001. Bl-ispejjez inkluzi dawk t'ittra ufficjali tal-11 t'April 2003 u bl-imghaxijiet legali mit-2 t'April 2001 cjoe d-data ta' gheluq ta' terminu ta' xahrejn kif miftiehem fuq il-*booking order* sad-data tal-hlas effettiv.

Illi l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentawx Risposta formali izda fis-seduta tal-31 t'Ottubru 2003 dehret il-konvenuta u kkontestat il-hlas pretiz peress illi meta sar il-ftehim fuq is-servizz ta' reklamar kien ukoll sar ftehim li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghaddiet lil dik attrici tletin (30) *membership cards* sabiex dawn jinbieghu mis-socjeta' attrici bil-prezz ta' tlettax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm13.50c) fuq il-Campus tal-Universita' u dan f'perjodu ta' tletin (30) gurnata. Sal-lum is-socjeta' attrici ghalkemm mitluba ghadha ma rritornatx il-cards li ma nbieghux u l-flus tal-cards li setghu nbieghu u li meta sar dan il-ftehim kienet qieghda tidher ghas-socjeta' attrici certa Joanna Abela.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' George Depasquale.

**Ikkunsidra**

Illi f'din il-kawza nstemghu biss il-provi tas-socjeta' attrici u l-konvenuta ghalkemm moghtiha l-opportunita' biex tressaq il-provi taghha naqset milli taghmel dan.

Illi mix-xhieda ta' George Depasquale u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi sar reklamar kif jirrizulta minn Dok. A a fol 2 tal-process u dan skond *booking form* esebit bhala Dok. B a fol 3 tal-process liema *booking form* sar fit-2 ta' Frar 2001 u huwa ffirmat mill-konvenuta.

Il-prezz ta' dan is-servizz jikkorrispondi mal-ammont mitlub fil-kawza u dan l-ammont ma thallasx.
Illi s-socjeta' attrici m'ghandha l-ebda mpjegata li jisimha Joanna Abela u l-anqas biss ma taf min hi u li qatt ma kellhom impjegata jisimha hekk. Ghar-rigward tal-allegazzjoni tal-konvenuta dwar il-*membership cards* George Depasquale afferma illi l-anqas jaf b'dawn it-tletin (30) *membership cards* u l-ewwel darba li sema' dwar din l-allegazzjoni kien propju waqt din il-kawza.

Illi a bazi tal-premess it-talba attrici tirrizulta debitament pruvata u ghandha tigi akkolta filwaqt li l-kontestazzjoni tal-konvenuta proprio et nomine ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta proprio et nomine biex thallas is-somma ta’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50c) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------